MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 17/2008

**Talba Nru: 17/08 PBC**

**Public Broadcasting Services Limited – C 13140**

**-vs-**

**Kevin Tanti**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u sitta u disghin Euro u disgha u sittin centezmi (€596.69) – (Lm256.16c) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilu. Illi ghalkemm l-imsemmi konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut, dan baqa' inadempjenti. Bl-ispejjez ta' din il-procedura u bl-interessi

skond il-ligi sad-data ta' pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u sitta u disghin Euro u disgha u sittin centezmi (€596.69) – (Lm256.16c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------